Minuti tal-Laqgħa Nru. 19 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Il-Gżira li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d' Argens, Il-Gżira, nhar it-Tlieta, 5 t' April 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku/Chairman | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Ralph Mangion<br>Is-Sur. Joe Galea<br>Is-Sur. Neville Chetcuti<br>Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sur. Jeremy Cardona |
| Skużata | Is-Sra. Graziella Schembri |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
5. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku semma li fil-minuti ma kienx ġie imniżżel il-punt li huwa kien semma li fuq il-proġett tal-Bandli gia la darba Transport Malta jinfurmawna li l-proġett tal-Gnien Kunsill tal-Ewropa ser jiehu iktar fit-tul u għalhekk kien hem il-htiega li jinħareġ it-tender b' urġenza biex b' hekk jista jkun ikunu installati il-bandli il-godda qabel Jum il-Gżira. Is-Sindku semma ukoll illi saret laqgha mal-bord tal UIF fejn il-bord gie infurmat bl aggustament fil-kuntratt tal-kunsill mal-UIF biex jigi rifless it-tibdil tax-xoghlijiet.

1.2 Il-minuti ġew approvatti.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**Amministrazzjoni tal-Kunsill**

2.1 Is-Sindku semma li is-Sinjura. Denise Vella kienet tat ir-riżenja tagħha u issa għalhekk gie itterminat l-ingagg illi kellha mal-Kunsill Lokali.

2.2 Is-Sindku semma kienet saret intervista mas-Sinjura Cathleen Diacono li kienet l-unika persuna li applikat internament minn kunsilli ohra u mill intervista irrizulta illi din il-persuna kienet elegibli, kwalifikata u esperjenzata bizzejjed biex tigi ingaggata fil-customarecare tal-kunsill fuq skala 15 notch 5. Waqt l-istess intervista kien hareg illi hija omma ta tifla zghira u giet mistoqsija jekk tistax tlahhaq mal-hinijiet li ġiet mitluba biex taħdem. Is-Sindku semma li Fabian Borg kien bagħatilha il-ħinijiet u din kienet ikkonfermat li tista taħdem skont l-esigenzi tal-Kunsill.

2.3 Is-Sindku semma li minn naħa tal-Kunsill konna iċċekkjajna fuq in-notice period kemm huwa imma dan jista jkun imnaqqas ukoll. Il-Kunsilliera preżenti qablu li din tiġi ingaġġata mal-Kunsill Lokali fuq l-iskala li għaliha applikkat.

2.4 Is-Sindku semma ukoll li kien tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv ta' Ħal Safi li kien urieh ix-xewqa li jiġi jaħdem mal-Kunsill Lokali tal-Gżira. Huwa qal li l-ewwel pass hu li issir laqgħa u nintaqaw miegħu biex niddiskutu il-htigijiet taghna.

.

2.5 Is-Sindku semma li rridu nagħmlu l-interviews għall bqija tal-istaff biex dawn ikunu ingaġġati. Intgħażlet id-data tat-Tnejn tal-ġimgħa d-dieħla biex isiru l-interviews.

2.6 Is-Sindku semma li kien hemm talba minn Fabian Borg biex minn skala 10 jitla għall skala 7 peress li huwa kien qed jagħmel xogħol siewi bħala advisor lill-Kunsill. Is-Sindku semma li huwa kemm il-darba sabu t' għajnuna u tah pariri tajbin u negozjati għall ġid tal-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll illi Fabian Borg kellu esperjenza vasta ta ghoxrin sena fi hdan il-kunsill u jhoss illi il-kusill ghandu jippremja dan ix-xoghol billi jizdied fl-iskala. Is-Sindku qal li l-ahjar li Fabian Borg jintalab jaghmel rikjesta u spjega dettaljata ghal din it-talba sabiex il-kunsill jiehu decizjoni infurmata.

2.7 Is-Segretarju semma li huwa kien jinnotta li dan dedikat f' xogħolu. Huwa qal li l-Kunsill irid jikkunsidra l-iskala tiegħu meta jkun hemm ukoll Segretarju Eżekuttiv full time billi din toħloq piż fuq il-Kunsill Lokali.

2.8 Il-Kunsillier Hewitt li l-aħjar inkellmuh u naraw dan x' qed jistenna mill-Kunsill. Huwa qal ukoll li rridu naraw l-iskala tiegħu kemm ħa tammonta bħala żieda. Is-Sindku qabel li dan għandna nistaqsuh x' inhu jistenna.

2.9 Is-Sindku semma li fil-każ tas-Sinjura Marion Monaco se ssir Expression of Interest li fiha l-Kunsill Lokali jitlob għall servizzi li hija stess toffri sabiex hija tkun tista tikkwalifika għas servizz li toffri u b' hekk tkun imħallsa.

2.10 Is-Sindku semma li huwa kien appunta lis-Sur. Alex Zammit fl-organiżżazzjoni tal-attivitajiet tal- isports week peress li dan kellu kwalitajiet organiżżattivi tajba u jista jżomm il-kuntatti mal-organiżżaturi kif ukoll iservi bhala segretarju ghas-sotto kumitati li twaqqfu. Is-Sindku qal li dan jinteressah dan ix-xogħol u huwa fil-preżent imħallas mill-iskema tal-Community Work Scheme.

2.11 Is-Sindku semma li se jinħoloq email account apposta li jintuża għall dan l-event sabiex ma jkunx hemm problemi mal-email ġeneriku tal-Kunsill Lokali.

## 3.0 KORRISPONDENZA

### Claims fuq Inċidenti

3.1 Is-Sindku ressaq ħames talbiet fuq claims li saru fuq karozzi li waqgħu fi sprall li kien sfronda f' post viċin l-Għassa tal-Pulizija. Is-Sindku semma li huwa stess flimkien mal-Kunsillier Chetcuti u l-Viċi Sindku marru fuq il-post filghaxija sabiex jirrimedjaw din il-problema.

Huwa semma li l-claims saru kollha fuq l-istess parti tat-Triq u ma kien hemm l-ebda mod li wieħed seta joħroġ minnha. Huwa qal li anki kien hemm numru ta nies li rawhom fuq il-post. Huwa qal li għalkemm kien hemm ħames rapporti dawn kollha qablu fil-fatti li qallu. Is-Sindku qal li huwa stess kien xhud tal-ħofra li kien hemm u meta mar fuq il-post avvicinatu mara li kienet ghadha kif faqghat it-tyre u bdiet tilmenta mieghu.

Is-Sindku semma li għall din id-darba għandu jkun hemm eċċezzjoni u dawn il-ħames talbiet il-Kunsill Lokali kellu għandhom ikunu kumpensati.

Il-Kunsillier Chetcuti qal li huwa kien mas-Sindku wkoll fuq il-post u ra l-istess affarijiet li ra s-Sindku. Huwa qal li kienu saru aktar punctures pero kienu ghadhom ma ġewx jaghmlu il-claim taghhom il-Kunsill Lokali.

Is-Sindku semma ukoll li fl-istess gurnata il-kunsill ircieva sensiela ta telefonati mill-ghases tal-pulizija kemm ta tas-Sliema kif ukoll tal-Imsida fejn il-puluzija infurmawna ircevew rapporti ta hsarat minhabba din il-hofra biex nirrimedjaw malajr kemm jista jkun.

Il-Kunsillier Hewitt qal li huwa kien kontra li dawn jingħataw kumpens għax tista tiftaħ lok biex nies oħrajn jabbużżaw mis-sistema. Huwa qal li f' laqgħa precedenti li kienet saret qabel il-Kunsill kien iddeċieda biex ma jagħti l-ebda kumpens.

3.2 Is-Sindku qal biex issir votazzjoni fuq il-każ dwar minn kien favur u kontra li dawn jitħallsu. Favur kien hemm is-Sindku, l-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Galea u Chetcuti. Kontra kien hemm il-Kunsillier Cardona u Hewitt. It-talba għalhekk kienet milqugħa.

**Performance Bonus tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv**

3.3 Kien hemm diskussjoni fuq il-performance bonus tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsilliera qallu lis-Segretarju li huma ma setgħux jagħtu gudizzju gust minħabba l-fatt li bħala Aġent Segretarju ma setgħux jesperjenzaw kif jaħdem billi dan ma jkunx hemm. Huma saqsew kemm huwa l-minimu u l-massimu. Kien hemm qbil li dan jingħata l-massimu tal-performance bonus.

**Laqgħat għad diskussjoni**

3.4 Kien hemm qbil li bħal ġurnata tal-lum ġimgħa ikun hemm laqgħa fuq Jum il-Gżira fis-7.00 pm u ġurnata qabel sessjoni biex isiru l-intervisti lill-kandidati oppprtuni għax xogħol fil-Kunsill.

**Ftuħ tal-Expression of Interests u Tenders**

3.5 Is-Segretarju fetaħ il-kaxxa fejn intefgħu l-Expression of Interests u tenders li kien ħareġ il-Kunsill. L-espressjonijiet t' interess kienu jikkonsistu f' servizz ta' handyman, oħra ta' EU funds manager u oħra ta works supervisor. It-tenders kien hemm offerti fuq road marking paint. Is-Segretarju lesta l-iskedi rispettivi u wera kollox lill-Kunsilliera. Dawn l-iskedi ġew iffirmati.

**4.0 BORDIJIET**

4.1 Is-Sindku semma li fil-Bord tal-Aġġudikazzjoni għat tenders huwa kien innomina tlett persuni u talab biex dawn il-persuni jigu approvati f'dan il-kunsill.

Il-Kunsillier Hewitt talab biex huwa jkun jaf mill-liema kampijiet dawn ġejjin. Is-Sindku qallu li wieħed minhom kien ex-Sindku, ieħor kien fil-kmap tax-xoghlijiet infrastrutturali u ieħor ex kunsillier.

Il-Kunsillier Hewitt saqsa jekk huwa il-quddiem jistax jinnomina persuni li jkunu inkluż f' dan il-Bord. Is-Sindku qal li biex jidħlu persuni oħra jridu jkunu approvatti mill-Kunsill Lokali. Huwa qal lill-Kunsillier Hewitt li jekk għandu xi nies oħrajn dan jista jressaqhom quddiem il-Kunsill sabiex jigu approvati.

Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament mal-membri magħżula fil-Bord.

## 5.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

5.1 Ma kienx hemm items taħt dan is-suġġett.

## 6.0 AĠĠORNAMENT

Minħabba li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 19 t'April 2016.

Konfermati llum ________________________ 2016

Conrad Borg Manché
Sindku

Michael Portelli
Aġent Segretarju Eżekuttiv